MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2011

Numru. 844/2009

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
Matthew Muscat, iben Louis, imwieled Pieta' fl-20 ta' Novembru, 1983, Karta ta' l-Identita numru 602683(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru, 2008 minn ġewwa Santa Venera, b'diversi atti magħmulin minnu,ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni u ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. ikkometta serq ta' apparat ta' l-eleltriku minn ġewwa l-imħażen ta' 'MF Electrix', għad-dannu ta' l-istess sid, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-€232.94 iżda mhux iżjed minn €2,329.37 u bil-persuna;

2. talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, u/jew fil-ġranet ta' wara dawn id-dati, f'dawn il-Gżejjer, xjentement xtara jew laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod ieħor indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti kienu ġejjin mis-serq ikkwalifkat bil-valur u bil-persuna;
3. talli sar reċidiv skkont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-29 ta' Novembru, 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tal-ewwel seduta ta' din il-kawża fl-24 ta' Novembru, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u informal ill-Qorti li ser iħallas dak kollu dovut.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar, 2010 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-valur ta' l-oġġetti misruqa hu ta' €5,000.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Jannar, 2011 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ħallas dak kollu dovut u reġa tenna l-ħtija tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħti tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issib lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ)(d), 267, 268(d), 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta fl-ewwel seduta u ħallas dak kollu dovut. Illum qed jaħdem bi profit u qed irabbi familja u għandu tarbija. Miċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hu ċar li l-imputat għandu jingħata l-aħħar opportunita' a bażi tas-sentenza mogħtija fis- fl-ismijiet: "Il-Pulizija vs George Farrugia" mill-Qorti tal-Appell Kriminali u għalhekk tikkundannah għal piena ta' sena

priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------